MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 198/2011

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu l-hlas tas-somma ta’ elfejn u tmenin ewro u hdax-il centezmu (€2,080.11) minghand il-konvenut, rapprezentanti kwantu ghal elf u mija u tmienja u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€1128.40) bhala hlas ghall-kont tad-dawl u l-ilma u kwantu ghall-ammont ta’ disa’ mija u wiehed u hamsin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€951.71) ghall-hlas ta’ xogholijiet tat-tiswija li kellhom isiru in segwitu ta’ hsarat li thallew mill-konvenut fil-flat proprjeta’ tal-atturi u li jinsab Flat 4, Raln Court, Tower Gate Street, Msida u liema flat kien mikri lilu ai termini ta’ skrittura ffirmata bejn il-partijiet u datata 12 ta’ April 2010. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma l-avviz, u bl-imghaxijiet legali mit-30 ta’ April 2010 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn u tmenin ewro u hdax-il centezmu (€2,080.11), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------